MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2012

Numru. 271/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**Vs**

**Anthony Bajada bin Franco u Fleur nee Mizzi, imwieled tal-Pieta' fis-16/03/1990 u joqghod 70/2, Triq Tigne', Sliema li ghandu n-numru tal-karta tal-identita' 138890(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Anthony Bajada li gie akkuzat talli nhar id-29 ta' Lulju 2009 ghal habta ta' bejn is-2:00p.m. u is-2:30p.m. waqt li kien qed isuq karozza li iggib in-numru LIT-074 tal-ghamla Opel Astra fi Triq l-Indipendenza, Mosta, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, tajjar lil Sebastian Saliba mill-Mosta, bil-konsegwenza li

ikkagunalu offiza ta' natura gravi kif ukoll permanenti fuq il-persuna tieghu, liema offiza gabu natura ta' dizabilita' permanenti u dana skont ma kif iccertifikaw it-tabib Dr. Jeffrey Bonnici MD tac-centru tas-sahha tal-Mosta, Dr. S. Pirotta MD (Reg.3146) tal-isptar Mater Dei kif ukoll l-ispecjalista Mr. Ivan Esposito tal-isptar Mater Dei.

U aktar talli fl-istess data, hinijiet u lok saq l-imsemmija karozza bi speed eccessiv kif ukoll b'manjiera traskurata u perikoluza.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta' riniviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tat-12 ta Lulju 2010.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Ikkunsidrat;

Illi s-sinistru stradali mertu ta' dina l-kawza sehh fi triq wieghsa u traffikuza u cioe' fi Vjal l-Indipendenza, l-Mosta. Jidher illi l-parti leza xtaq jaqsam it-triq u qasam l-ewwel nofs. Meta imbaghad gie beix jaqsam it-tieni nofs tat-triq, ra il-vettura ta'l-imputat gejja ghal fuqu u din tajjritu. Illi Saliba meta jigi mitkellem mis-surgent Cassar *a tempo vergine*, jistqarr illi meta qasam l-ewwel nofs tat-triq ra l-vettura ta'l-imputat gejja izda xortwahda qabad u qasam ghax haseb illi kien ser jilhaq jaqsam it-tieni nofs. Meta imbaghad jixhed, dana il-fatt huwa ma isemmiehx, u ighid illi esplora it-triq qabel ma qasam u ra li ma kenux gejjin vetturi izda f'daqqa wahda sema brejk qawwi u ra il-vettura ta'l-imputat gejja ghal fuqu. Illi l-imputat minn naha tieghu isostni illi huwa ma kienx ghaddej b'xi velocita eccessiva, kien qed isuq fid-dritt fil-karregjata tieghu meta f'daqqa wahda hareg jigri Saliba minn wara trukk kbir li kien ghadu kemm ghadda minn hdejh sejjer fid-direzzjoni l-opposta. Ghalhekk huwa ma seta qatt jara lil Saliba qed

jipprova jaqsam. Fuq il-post ta'l-incident instabu brejk marks ta' 22 metru u minn investigazzjoni li ghamel is-surgent Cassar jidher illi mad-daqqa Saliba itajjar madwar sitt metri 'il boghod mill-*ispot of impact*.[1] Jidher ukoll illi ftit metri 'il boghod hemm sett ta' *traffic lights* minn fejn il-*pedestrians* jistghu jaqsmu it-triq.

Illi min-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali jirrizulta illi lill-imputat qed jigi addebitat r-responsabbilta' ghal dana is-sinistru stradali billi huwa qed jigi akkuzat illi kien negligenti u traskurat fis-sewqan tieghu u li saq bi speed eccessiv tant illi minhabba f'dina in-nuqqas ta' prudenza fis-sewqan tieghu ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sebastian Saliba Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk l-imputat ghandux jahti ghal dana l-incident.

Ikkunsidrat,

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri per. Imhallef J.Galea Debono) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Robert Brincat deciza fit-22 ta' Novembru 2007 il-Qorti tkellmet kemm dwar ir-responsabbilta' tas-sewwieq kif ukoll dwar l-obbligi tal-pedestrian meta huwa jigi biex jaqsam it-triq u stqarret:

***"Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."***
(App. Krim. **"Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud"** [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)

[1] Ara skizz a fol.42

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li :-

***"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjini ta' emergenza subitanea minnhabba fih , dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ."*** (App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Alfred Caruana"** [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031).

***"Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikurezza."*** (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. George Muscat"** [6.5.1961] Kollez. Vol. XLV p.iv. 947)

Gie ukoll ritenut li "***ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam.." "Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghad dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva***

***evaziva."*** (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Formosa"** Kollez. XLIII, p.iv. p.1023). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. ***"meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat"*** (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Thornton"** Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Cassar Desain**" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765).”

Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta’ pedestrian. Il-Qorti kompliet:

“Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet

a) **"che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;**

***b)*** **che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo*****;***

***c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."*”**

Il-Qorti kompliet tghid:

“Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li ***“Hu dover ta’ “driver to see what is in plain view”.*** (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963] )

u li ***"min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed***
***izomm "a proper lookout"*** (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ). **"*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well.*"** ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968].

Illi mbaghad, anki kieku l-pedestrian forsi ma esploratx sew it-triq qabel kompliet taqsam," (f'dana il-kaz il-vittma kienet mara) "dan ma jezonerax lis-sewwieq mill-obbligi tieghu. Dan ghaliex …. f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-pedestrian f' dan il-kaz. (Ara Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri"** [16.3.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Polidano**"[3.11.1963]**"Il-Pulizija vs.Rev.C.Mifsud"** (Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131) u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-***"contributory negligence*"** ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim." **Il-Pulizija vs P.Vassallo",** [Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883]).

Umbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-pedestrian, dan seta' biss, ghal massimu, serva ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar."

Ikkunsidrat,

Illi l-Highway Code ighallimna illi meta nigu biex naqsmu triq ghandhom jigu imhares is-segwenti regolamenti:

**"23.** ***Qabel taqsam, ieqaf qabel ma saqajk iħallu l-bankina, fejn int tkun tista' tara jekk ikun ġej xi ħadd. Tersaqx qrib ħafna tat-traffiku. Jekk m'hemmx bankina jew sidewalk żomm lura mit-tarf tat-triq iżda kun żgur li tista' tara t-traffiku li jkun ġej u li t-traffiku jkun jista' jara lilek*.**

**24.** ***Ħares sewwa madwarek u isma'. Il-vetturi jistgħu jiġġu minn kull direzzjoni. Isma' sewwa, għax kultant tista' tisma' t-traffiku qabel ma tarah*****.**

**25.** ***Jekk tkun ġejja xi vettura, ħalliha tgħaddi. Erġa' ħares madwarek u isma'. Taqsamx qabel ma jkun hemm qtugħ mingħajr periklu fit-traffiku u inti tkun żgur li hemm ħafna ħin. Ftakar, anke jekk vettura għadha 'l bogħod, tista' tkun riesqa b'veloċità kbira*****.**
**26.** ***Meta ma jkunx hemm periklu, aqsam dritt it-triq, tigrix, tmurx lagenba. Ibqa' hares u issemma' ghat-traffiku waqt li tkun qed taqsam, fil-kaz li jkun hemm xi traffiku li ma tkunx rajtu, jew fil-kaz li jitfaccja xi traffiku ghall-gharrieda"*****.**

Imbaghad ikompli:

33. **"*Jekk għandek taqsam it-triq minn bejn karozzi pparkjati, uża t-truf ta' barra tal-vetturi daqs li kieku kienu l-kurduna tal-bankina. Ieqaf hemm u kun żgur li tista' tara sewwa madwarek u li t-traffiku jista' jara lilek. Qatt m'għandek taqsam it-triq minn quddiem, jew minn wara, xi vettura bil-magna startjata, speċjalment vettura kbira, għax is-sewwieq ma jkunx jista' jarak"*.**

Illi mill-fattispecje ta' dana il-kaz jirrizultaw is-segwenti fatturi:

1. Illi l-parti leza Sebastian Saliba kien qed jaqsam triq wiesgha u traffikuza .

2. Illi huwa qasam ghan-nofs it-triq u hareg minn wara trakk li kien ghadu kemm ghadda fil-karreggjata tat-traffiku sejjer lejn id-direzzjoni tal-Mosta.

**3.** Illi Sebastian Saliba ighid illi lemah il-vettura ta' l-imputat gejja b'velocita eccessiva izda iddecieda xorta wahda li jkompli jaqsam it-triq malajr. Huwa jghid: "**Jiena grejt kemm stajt izda hin minnhom smajt brejk qawwi**

**u kif harist rajt l-imsemmija ventura gejja ghal fuqi u kif laqatni ma ftakart xejn izjed."**

4. L-imputat kien qed isuq fi triq dritta u wiesgha u ghalhekk kellu vizwali tajjeb ta dak kollu li kien qed jigri quddiemu, izda jghid illi lil Saliba ma rahx jaqsam ghax hareg inaspettatament minn wara trakk kbir li kien ghdu kemm ghadda fid-direzzjoni l-opposta u ghalhekk kien qed jostakolalu il-vizwali. Jghid illi l-parti leza tfaccja inaspettatament quddiemu.

5. Fuq il-post ta'l-incident instabu brajk marks ta' 22 metru. Dana ifisser, skond kif hemm indikat fir-regolament 281 tal-Highway Code illi l-imputat kien ghaddej b'velocita' ta' madwar 60 kilometru fis-siegha, velocita ghalhekk li teccedi bi ftit il-limitu ta' velocita permess f'dik iz-zona, izda ma kienx ghaddej b'xi speed eccessiv li jirrendi is-sewqan tieghu wiehed perikoluz.

6. Ftit 'il fuq fit-triq kien hemm it-***traffic lights*** sabiex jassistu lil ***pedestrian*** jaqsam it-triq.

Illi mill-esposizzjoni ta' dawn il-fatti, ma hemmx dubbju illi l-parti leza Sebastian Saliba ma segwa l-ebda regolament tat-traffiku kif hawn fuq indikat meta gie biex jaqsam it-triq b'mod specjali ir-regolament 33 tal-Highway Code hawn fuq iccitat. Qabel xejn Saliba iddecieda jaqsam triq wiesgha u traffikuza minghajr ma juza it-*traffic lights* li kien hemm ftit 'il fuq. Illi toroq wieghsa bhal ma hi Vjal l-Indipendenza gewwa l-Mosta, ikunu dejjem mghammar b'postijiet minn fejn il-pedestrian ikun jista' jaqsam minghajr periklu ghalih innifsu u ghall-utenti l-ohra tat-triq. Illi meta Saliba jaghti l-verzjoni tieghu ta' kif sehh dana is-sinistu stradali *a tempo vergine* lis-surgent Cassar, huwa jistqarr illi kien qasam sa nofs it-triq u ra lill-imputat gej izda xortawahda intenta jaqsam it-triq malajr.[2] Dana ma ighidux meta imbaghad jixhed fil-qorti. Fil-fatt ighid bil-kontra u jistqarr illi qabel ma qasam esplora it-triq u ra li

[2] Ara rapport a fol.19

ma kenux gejjin vetturi u ghalhekk qasam u f'daqqa wahda sema hoss ta' brejk u sab lil-imputat fuqu.[3]

Illi l-verzjoni li jaghti Saliba *a tempo vergine* taqbel ma' dak li ighid l-imputat. L-imputat ighid fil-fatt, illi Saliba hareg jigri minn wara trukk li kien ghadu kemm ghadda fid-direzzjoni l-opposta u ghalhekk sabu inaspettatament quddiemu. Ghamel l-unika haga li seta jaghmel fic-cirkostanzi billi zamm il-brejk uipprova jisswervja biex jevita lil Saliba izda ma irnexxielux ghax Saliba baqa' jaqsam jigri u ghalhekk laqqtu..

Il-Qorti issa trid tistharreg jekk fic-cirkostanzi partikolari ta' dana il-kaz setax kien hemm in-negligenza kontributorja da parti ta'l-imputat. Illi mill-provi akkwisti jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-imputat ghalkemm kien qieghed isuq b'velocita li kienet teccedi il-limitu permess f'dik iz-zona, madanakollu ma kienx ghaddej b'xi velocita eccessiva li setghet twassal ghal nuqqas ta' kontroll fuq il-vettura tieghu. L-imputat kien qieghed isuq fil-karreggjata tieghu sejjer fid-dritt. L-imputat ma seta qatt jimmagina illi minn wara trukk li kien ghadu kemm ghadda minn hdejh sejjer fid-direzzjoni l-opposta kien ser jitfaccja Saliba li iddecieda jaqbad u jaqsam jigri hekk kif rah gej, minghalih li ser jirnexxielu jaqsam. Huwa, ghalhekk qatt ma seta jinduna tempestivament bil-movimenti li kien ser jaghmel dana r-ragel sabiex ikun jista jevita l-impatt ghaliex kien fl-impossibilita' fízika li jarah. Fil-fatt jidher illi Saliba hareg minn wara it-trukk ftit qabel ma wasal l-imputat hdejh tant ghalhekk illi bl-agir tieghu Saliba ikkrea emergenza subitanea li l-imputat bl-ebda mod ma seta jevita! Jidher illi l-imputat anzi ipprova jaghmel manuvra evasiva izda kien tard wisq ghax Saliba kien wisq vicin il-vettura biex l-imputat ikun jista' jevita l-impatt. Fuq kollox l-imputat qatt ma seta jobsor illi Saliba kien ser jaqbad u johrog jigri minn wara vettura minghajr ma jieqaf u jistenna sakemm ighaddi hu.

Illum il-gurnata it-toroq saru piuttost traffikuzi. Illum sfortunatament ma ghadux iz-zmien illi bniedem jaqbad u

[3] Ara xhieda ta' Sebastian Saliba a fol.25

jaqsam minghajr ma joqghod ferm attent ghal dak li qed jigri madwaru, iktar u iktar meta it-triq tkun wahda wiesgha u ma tistax taqsamha malajr. Xi kultant sabiex wiehed jevita milli jimxi bicca zejda sa fejn ikun hemm it-*traffic lights* jew xi *pedestrian crossing*, jaqbad u jaqsam jigri bil-konsegwenza illi johloq periklu ghalih innifsu u ghal vetturi li ikunu ghaddejjin f'dak il-mument.

Il-Qorti tqies ghalhekk illi il-kagun ta' dana is-sinistru stradali kien in-nuqqas ta' kawtela minn naha tal-parti leza li bl-agir tieghu holoq emergenza subitanea tali illi l-imputat ma seta' bl-ebda mod jevita l-impatt.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------